MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 314/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Antonio Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Antonio Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita` numru 488854(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Awwissu 2006 u fiż-żminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda:

(1) fil-kapaċita` tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika jew ta' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux il-jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taħt il-libsa tal-kariga

tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skond il-liġi;

(2) taħt l-istess ċirkostanzi, fil-kapaċita` tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih ma kellux jedd;

(3) taħt l-istess ċirkostanzi, fil-kapaċita` tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, dolożament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, għamel jew naqas li jagħmel xi att mhux imsemmi fit-Titolu III tat-Taqsima II ta' l-ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, b'tagħkis jew ħsara ta' ħaddieħor;

(4) taħt l-istess ċirkostanzi, fil-kapaċita` tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, sar ħati ta' reat ieħor li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Gunju 2013 fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Antonio Azzopardi ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-2 ta' Lulju 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ħelsien tal-appellat Antonio Azzopardi mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontriħ filwaqt illi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz kif ukoll il-liġi applikabbli għaliha, issib lill-appellat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tar-raba' imputazzjoni kif dedotti kontra tiegħu u tipprosegwi sabiex tinfliġġi l-piena xierqa u applikabbli skond il-liġi.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-Avukat Ġenerali huma fis-sens illi meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) giet biex tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriħ, *inter alia* għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-provi ppreżentati f'din il-proċedura u pertinenti għal każ in kwistjoni. Ir-raġunijiet li jagħti l-Avukat Ġenerali huma s-segwenti:

> "Illi preliminarjament u għal kull buon fini jiġi ddikjarat illi l-esponent appellanti Avukat Ġenerali qed jintavola dan l-appell fid-dawl tal-liberatorja tal-ewwel u

konsegwentement tal-aħħar akkuża miġjuba kontra l-appellat, filwaqt li mhux qed jikkontesta l-ħelsien tal-istess mit-tieni u mit-tielet akkużi miġjubin kontrih.

"Illi jekk wieħed idur għal-liġi applikabbli għal dan il-każ naraw illi d-disposizzjoni prinċipalment applikabbli huwa senjatament l-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jinqara kif ġej:

"'**112. Kull uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi[1], jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena.**'

"Illi skond l-ewwel Qorti l-verżjoni tal-allegata vittma Joyce Camilleri ma kinitx kredibbli u ma kinitx ikkoroborata minn dak li rriżulta kemm minn provi oħrajn tal-prosekuzzjoni (fosthom binha stess Philip Camilleri) kif ukoll mill-inkartament ġudizzjarju tal-każ ċivili mertu ta' din it-tilwima u mill-provi u dokumentazzjoni eżebita mill-istess appellat Antonio Azzopardi. Jidher illi l-argument ewlieni tad-difiża tal-appellat fl-ewwel Qorti, li ġie debitament milqugħ minnha kien illi effettivament dak li kien pretiż mill-appellat Azzopardi kien dovut lilu ai termini tal-artikolu 921 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) u bħala spejjez extra-ġudizzjarju li hu allega li kien sar għan-nom tas-sinjura Joyce Camilleri fir-rigward ta' kwistjonijiet indipendenti minn dawk formanti l-mertu tal-każ fejn l-appellat kien qed jaġixxi bħala l-Avukat tal-Għajnuna Legali tal-kwerelanta. Inoltre d-difiża sostniet ukoll illi effettivament l-Avukat Azzopardi mhux talli ma esiġa u ma ħa xejn iżda talli lanqas ma rċieva dak li skond il-liġi hu kien intitolat li jirċievi. Di piu` il-flejjes dovuti lill-kwerelanta wara l-kawża fejn kienet assistita mill-appellat fil-vesti ta' Avukat tal-Għajnuna Legali, jidher li ġew mgħoddija lilha.

"Illi mingħajr preġudizzju għal dan l-appell u għal kull buon fini, l-esponent fid-dawl tad-dokumentazzjoni legali eżebita f'dan il-proċess, mhux qed jikkontesta illi effettivament Joyce Camilleri ħadet is-somma li kienet spettanti lilha u li l-Avukat Azzopardi fil-fatt ma ħax dawn il-flejjes hu kif kienet qed tallega l-kwerelanti fil-Qorti tal-Maġistrati. Madankollu, u inoltre, filwaqt li jiġi konċess li l-ispejjeż rappreżentanti spejjeż ġudizzjarji skond it-taxxa kif maħduma mir-Reġistru tal-Qorti li ġiet debitament eżebita f'dawn il-proċeduri[2] kienu effettivament dovuti favur l-appellat fir-rigward tad-drittijiet tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali tiegħu fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 921 tal-Kapitolu 9, fl-umli fehma tal-esponent ma jistax jingħad l-istess fir-rigward tal-ispejjeż imsejħin bħala extra-ġudizzjarji li indipendentement minn dak allegat mill-kwerelanti u anki jekk ma tiġix emnuta minn din il-Qorti, effettivament ġew mitluba mill-appellat f'dawn il-proċeduri. Dan huwa indikat ukoll mit-taxxa eżebita a folio 179 tal-proċess fejn hemm notament tal-istess appellat fejn qed jindika li apparti l-ispejjez ġudizzjarji hemm dawn extra-ġudizzjarji li qatt ma tħallsu u dan

[1] Enfażi tal-appellant.
[2] Folio 179 tal-atti proċesswali.

*'f'ammont raġonevoli'.* Di piu` u fid-dawl tad-diċitura tal-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 mhux relevanti jekk effettivament il-flejjes rikjesti mill-appellat ġewx mogħtija lilu jew jekk eventwalment ġewx fil-pussess tiegħu.

"Illi jekk induru għall-provi, Joyce Camilleri kienet qed tippretendi s-somma ta' erba' mija u ħamsin Liri Maltin li skond hi ġew żbankati fuq isem l-appellat u li essendo avukat tal-għajnuna legali tagħha ma kellu jedd għall-ebda somma. Issa jekk wieħed idur fuq it-taxxa ġudizzjarja debitament maħduma u li diġa` saret referenza għaliha hawn fuq, faċli li wieħed jikkonkludi li s-somma pretiża mill-kwerelanta hija l-istess somma rappreżentanti l-ispejjeż ġudizzjarji li għaldaqstant jinkludu l-ispejjez ġudizzjarji debitament dovuti favur l-appellat skond il-liġi allavolja kien qed jaġixxi fil-veste tal-avukat tal-Għajnuna Legali u dan peress li l-kawża miftuħa għan-nom ta' Joyce Camilleri effettivament intrebħet. B'hekk din il-pretenzjoni mill-appellat kienet leġittima fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 921 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[3]. Madankollu u minn kliem l-appellat stess u minn notament magħmul minnu fuq l-istess dokument, jidher li apparti dawk l-ispejjeż li kienu dovuti lilu skond il-liġi l-appellat ippretenda l-ħlas ta' spejjeż extra-ġudizzjarji li kienu dovuti għal *'kemm il-klijenta ġiet u marret u titolbok affarijiet u titolbok tagħmel affarijiet u trid tagħmel follow up u trid tmur ir-reġistru tiċċekkja, dawn huma l-affarijiet, saħansitra kont ktibtilha ittra biex iġġib iformazzjoni medika….jiena tal-affarijiet l-oħrajn kollha, tal-ħin li ħaditli, ta' l-impenn tiegħu kollu fil-ħin li jien mhux qed nagħmel il-kawża imma qed nagħmel affarijiet li huma xi mod konnessi ma prestazzjonijiet tajba u professjonali li jien qed nagħtiha...Extra ġudizzjarji huma s-servizzi li jagħti l-avukat li ma jkunux direttament ġudizzjarji imma jkunu b'xi mod jew ieħor neċessarji biex professjonalment tista' tagħmel ix-xogħol tiegħek sewwa u joħdulek ħafna ħin'*[4]. In segwitu għal din l-ispjega, l-appellat fuq mistoqsija tal-prosekuzzjoni in kontro-ezami caħad li dawn l-ispejjez extra-ġudizzjarji ġew mitluba in konnessjoni mal-każ li kellha l-kwerelanti mal-Avukat Azzopardi bħala Avukat tal-Għajnuna Legali. Madankollu u b'kull rispett, l-appellat ma ġab l-ebda prova sabiex jissostanzja din l-allegazzjoni tiegħu, apparti li skond hu, peress li s-sitwazzjoni tas-sinjura Joyce Camilleri kienet issa waħda favorevoli allura kellu l-jedd jitlob dawn l-ispejjeż.

"Illi bir-rispett lejn dak allegat mill-appellat din l-allegazzjoni ma ġietx ippruvata mill-appellat u la saret minnu kien jispetta li hu fil-fatt iġib prova tar-rappreżentanza ta' dawn l-ispejjeż extra-ġudizzjarji indipendenti mill-każ li kellu mal-kwerelanta bħala Avukat tal-Għajnuna Legali. Di piu` u b'kull rispett jidher li din il-prova ma nġabitx peress li din ma teżistix u dan minħabba l-fatt li fi kliem l-akkużat stess, *Jiena bdejt nitkellem fuq ħlas ta' drittijiet extra-ġudizzjarji meta s-sinjura minn minus ġiet plus, fis-sens li għandha ċ-ċedola ta' depożitu issa, il-flus li ħadet hi u hemm hekk bdejt nitkellem fuq drittijiet extra-ġudizzjarji. Għax issa ġiet bħal kulħadd*[5]. Kwindi minn kliem l-appellat stess, li kieku dawn l-ispejjeż

[3] ***921.*** *Meta l-parti li tingħata li timxi bil-benefiċċju ta' għajnuna legali tirbaħ il-kawża, hija għandha, milli tieħu jew milli ddaħħal mill-prezz li jġibu fl-irkant il-ħwejjeġ mobbli jew immobbli mibjugħin b'esekuzzjoni tas-sentenza, tħallas id-drittijiet tar-reġistru, tal-avukat, tal-prokuratur legali, u, meta jkun hemm, tal-kuraturi u tal-periti, bla ħsara tal-jedd li teħodhom lura mingħand il-parti li tkun ġiet ikkundannata għall-ħlas ta' dawk id-drittijiet.*

[4] Folio 151 tal-atti proċesswali.

[5] Folio 127 tal-atti proċesswali.

ġudizzjarji kienu estraneji għal każ in kwistjoni fejn l-appellat kien qed jassisti lill-kwerelanta bħala avukat tal-Għajnuna Legali din il-motivazzjoni sabiex jibda jitlob l-ispejjez extra-ġudizzjarji ma tagħmilx sens. Jekk il-kwerelanta kienet qed tuża s-servizzi legali tal-appellat mhux fil-vesti tal-Avukat tal-Għajnuna Legali filwaqt li s-sinjura Camilleri kienet qed tinqeda mill-Avukat Azzopardi bħala Għajnuna Legali, l-Avukat Azzopardi kien ikun ġustifikat li jitlobha ħlas extra-ġudizzjarju u dan indipendentement mill-fatt li *minn minus ġiet plus*. Kwindi waħda ma kellhiex twassal għall-oħra. Jekk mill-banda l-oħra jiġi allegat mill-appellat li hu talabha flejjes oħra li ma kienx talabha qabel għal xogħol li kien għamlilha mhux fil-vesti tal-Avukat tal-Għajnuna Legali xorta waħda jibqa' l-fatt li din l-allegazzjoni baqgħet qatt ma ġiet ippruvata minnu. Dan qed jingħad apparti l-fatt li l-Avukat Azzopardi stess għamel notament fuq it-taxxa tal-kawża formanti l-mertu tal-Għajnuna Legali li hu ta, fejn jindika li apparti dik it-taxxa kien hemm il-pendenza ta' spejjez extra-ġudizzjarji li hu ikkwantifika bħala f'ammonti konsiderevoli[6].

"Illi l-ewwel Qorti sempliċiment straħet fuq il-verzjoni tal-appellat mingħajr ma esplorat dawn l-inkonsistenzi li jqajjmu mistoqsijiet li jibqgħu bla risposta. Avukat tal-Għajnuna Legali b'kull rispett ma jistax jippretendi dritt extra-ġudizzjarju fil-kamp tal-Għajnuna Legali għax persuna tiffittah fuq il-każ u tesiġi li hu jagħmel ċertu xogħol għaliha jew tkun persuna diffiċli, kif ġie allegat hawnhekk mill-appellat dwar il-kwerelanta u liema sottomissjonijiet jidher li setgħu ġew ukoll abbraċċjati mill-ewwel Qorti waqt l-apprezzament tal-provi Tagħha ai fini tal-konsiderazzjonijiet kif magħmula minnha u li wasslu għall-ħelsien tal-akkużi kollha kontra l-appellat Azzopardi. Jingħad ukoll li l-kwerelanta fix-xhieda tagħha m'għamlet l-ebda referenza għal kwistjonijiet oħra apparti din il-kawża partikolari u tindika li meta marret tkellem lill-appellat diversi drabi jew esiġiet il-flus li kienu spettanti lilha, dawn kienu dejjem konnessi ma dan il-każ fejn l-Avukat Azzopardi kien l-Avukat tal-Għajnuna Legali tagħha[7]. Dan il-fatt ma jidhirx li ġie kontradett fil-kors tal-kontro-ezami tax-xhieda tagħha. B'hekk li l-appellat ippretenda s-somma ta' bejn Lm100 u Lm150[8] kif ikkalkolati minnu stess bħala spejjez extra-ġudizzjarji '*f'ammont raġonevoli*' b'manjiera li baqgħet ma ġietx spjegata minnu allavolja mistoqsi dwarha, tibqa pretenzjoni mhux ġustifikata da parti tal-appellat u ergo hawnhekk japplikaw l-elementi ravviżati fl-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali rappreżentanti l-ewwel akkuża miġjuba kontrih in vista tal-fatt li l-appellat esiġa flejjes li hu qatt ma kien intitolat għalihom skond il-liġi jew iktar minn dawk li hu effettivament kien intitolat għalihom. Il-fatt li hu finalment ma ħa xejn u mar minn taħt ma jbiddel xejn minn din l-esiġenza da parti tiegħu u allura ma jnaqqasx mir-responsabbilta` legali fil-konfront tiegħu.

"Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit minħabba l-pretenzjoni ta' sejbien ta' ħtija ta' l-ewwel akkuża, u peress li m'hemm l-ebda dubbju li l-appellat kien uffiċjal pubbliku għall-finijiet u għall-effetti kollha tal-liġi fiż-żmien tal-allegat inċident, konsegwenzjalment jekk il-Qorti tal-Appell taqbel mas-

[6] Folio 179 tal-atti proċesswali.

[7] Folio 41 et seq tal-atti proċesswali – *Difiża: Issa wara li ngħatat din is-sentenza erġajt mort, waqt il-kawża li għaddejja, jiġifieri l-Imħallef jitfagħha minn ġurnata għal oħra, kont bqajt tmur għand Dr. Azzopardi l-uffiċju? Xhud: U żgur! Biex iġibli l-flus għax inqatgħet li noħodhom jiena hux.*

[8] Folio 150 tal-atti proċesswali – *jiena kelli f'rasi amont bejn LM100 jew LM120 jew LM150*.

> sottomissjonijiet tal-appellant, din il-Qorti għandha tapplika wkoll id-disposizzjoni tal-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali li ġiet riflessa fir-raba' akkuża miġjuba kontra l-appellat f'dawn il-proċeduri."

**6.** Permezz ta' l-appell tiegħu l-Avukat Ġenerali qiegħed jitlob li din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u, konsegwenzjalment, ir-raba' imputazzjoni. Issa, kif kostantement ritenut, huwa prinċipju ormaj stabilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

**7.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti għamlet apprezzament dettaljat tal-provi u numru ta' konsiderazzjonijiet. Huwa utili li jiġi riprodott dak li qalet dik il-Qorti fir-rigward:

> **"Illi fit-28 ta' Ġunju, 2001 ġie iffirmat kuntratt li stabilixxa s-separazzjoni bejn il-konjuġi Philip Camilleri u Josephine sive Joyce Camilleri. Fl-istess data u għand l-istess nutar saret skrittura fejn Philip Camilleri ikkostotwixxu ruħu debitur ta' Josephine sive Joyce Camilleri fl-ammont ta' Lm5,000. Ġie stabilit li s-somma ta' Lm2,000 kellha tiġi mħallsa sa mhux aktar tard mit-28 ta' Ġunju, 2002 u l-bilanċ ta' Lm3,000 kellu jiġi mħallas sa mhux aktar tard mit-28 ta' Ġunju, 2003. Milli jidher Philip Camilleri ma onorax l-obbligi tiegħu u għalhekk martu Josephine sive**
> **Joyce Camilleri kellha tirrikorri għas-servizzi ta' avukat.**
>
> **"Illi Joyce Camilleri jidher li ma kellhiex il-mezzi biex tħallas avukat u għalhekk għamlet talba għall-għajnuna legali b'rikors tas-17 ta' Novembru, 2003. Din it-talba ġiet milqugħa u l-Avukat Dottor Antonio Azzopardi, l-imputat, ġie assenjat biex jagħtiha l-għajnuna meħtieġa.**
>
> **"Illi fil-fatt wara l-ħruġ ta' żewġ ittri bonarja u waħda uffiċjali l-kawża ġiet istitwita fit-3 ta' Awwissu, 2004, fl-ismijiet "Joyce Camilleri vs Philip Camilleri" (564/04 NC). Mill-atti tal-kawża jirriżulta ċar u bla ebda dubju li l-imputat qeda d-dover tiegħu u kien preżenti fl-udjenzi ta' din il-kawża. Hawnhekk, għandu jiġi rilevat li Joyce Camilleri pruvat titfa dawl xejn sabiħ fuq l-operat ta' l-imputat u l-atti ezebiti juru ezattament il-kontra ta' dak li kienet qed tgħid Joyce Camilleri. Din il-kawża ġiet deċiża fil-21 ta' Ġunju, 2005. L-ezitu kien li Joyce Camilleri rebħet il-kawża bl-imgħax. Illi b'ittra tas-16 ta' Awwissu, 2005 l-imputat kien interpella lil Philip Camilleri biex iħallas dak kollu dovut.**
>
> **"Illi f'Lulju, 2006 Joyce Camilleri għamlet rapport lill-pulizija għaliex l-imputat kien talabha Lm5 meta hi marret l-offiċċju tiegħu u b'allegazzjoni li hu ried iżomm il-flus kollha tal-kawża li rebħet għalih.**

**"Illi fl-ewwel lok din il-kwistjoni tal-ħames liri hi waħda li ma titwemminx għal diversi raġunijiet. Fl-ewwel lok, ix-xhieda tagħha ta' kif ħalset dawn il-flus hi kontradetta minn binha stess li f'dik l-okkażjoni kien mar ma' ommu għand l-imputat. Fit-tieni lok, jidher ċar li l-imputata kienet qed tibża' kemm minn żewġha għaliex meta hu kien kellimha dwar il-flus li kienu ġew sekwestrati fil-bank tiegħu, hi mill-ewel tefgħet il-ħtija ta' dan fuq l-avukat meta kienet hi li 'ordnat' lill-avukat biex jiġbor tali flejjes. Minbarra dan, ħareġ li hi ma riditx li t-tifel tagħha kien jaf b'dak li kien qed isir. Dan qed jingħad apparti l-fatt li Joyce Camilleri talbet is-servizzi ta' l-imputat fuq materji oħra li jeżorbitaw mill-prestazzjonijiet dovuti.**

**"Illi fl-atti ta' din il-kawża ġew eżebiti r-rikors, it-talbiet ta' Joyce Camilleri u d-digrieti relativi. Jirriżulta li wara s-sekwestru tal-1 ta' Frar, 2006 il-Bank of Valletta kien iddepożita s-somma ta' Lm3,024 fir-reġistru tal-Qorti, in kwantu għal Lm2,000 sorte, riservat, (għaliex skont ma kien miftiehem ma Joyce Camilleri, kellu jinħareġ mandat għall-bilanċ ta' Lm3,000), Lm573.33 imgħax u Lm450.50 spejjeż tal-kawża flimkien ma Lm50.40 VAT. Milli jidher Joyce Camilleri bdiet toġġezzjona għal fatt li l-imputat talab id-drittijiet tiegħu u tal-Prokuratriċi Legali mill-flus depożitati l-Qorti.**

**"Illi fl-20 ta' Marzu, 2006 l-imputat ippreżenta żewġ rikorsi. L-ewwel wieħed kien biex Joyce Camilleri tirċievi s-somma ta' Lm2,573.33 u t-tieni rikors kien biex jiżbanka is-somma totali ta' Lm500.90. Dawn iż-żewġ rikorsi ġew degretati mill-Qorti fl-4 ta' Mejju, 2006 skont it-talbiet li kienu saru.**

**"Illi fid-9 ta' Mejju, 2006 l-imputat kien ġie mhedded il-Qorti minn iben Joyce Camilleri dejjem in konnessjoni ma' dawn il-flus. Fil-fatt hu kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija għal protezzjoni iżda l-istess kien ġie aggredit minn Philip Camilleri u ibnu. Tant, hu hekk li dawn iż-żewġ persuni spiċċaw il-Qorti b'diversi akkużi li huma wettqu fuq il-persuna ta' l-imputat. Ħaġa oħra li toħroġ minn din l-ittra hi li l-imputat informa lill-Kummissarju tal-Pulizija li l-Avukat Dottor Chris Cilia kien sar l-avukat ta' Joyce Camilleri. L-avukat imsemmi ma kienx tal-għajnuna legali u hi ħaġa stramba li Joyce Camilleri ma għamlet ebda lment mal-Avukat Dottor Joseph Mifsud li jmexxi l-offiċċju tal-għajnuna legali.**

**"Illi aktar gravi minn hekk l-Avukat Cilia b'ittra lill-President tal-Kamra tal-Avukati allega li l-imputat ried jiżbanka favur tiegħu s-somma ta' Lm1,024. Minn fejn ġiet din is-somma l-Avukat Cilia biss jaf u mhux korrett li fil-korp ta' l-ittra jgħid li għad irid jagħmel verifiki ulterjuri. Dan żgur mhumiex il-mod kif avukat jikkomporta ruħu ma' kollega. Mill-atti kollha eżebiti fil-mori ta' din il-kawża ma hemm ebda rikors da parti ta' l-imputat fejn jintalbu dawn il-flejjes. Tant hu hekk illi b'ittra tat-18 ta' Lulju, 2006 iffirmata minn Kevin Mahoney, Direttur u Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, jikkonferma li s-somma ta' Lm3,024 għadhom taħt l-awtorita` tal-Qorti.**

**"Illi din il-Qorti ma għandhiex għalfejn ittawwal iżjed fuq dawn il-fatti. Jirriżulta li għal darba oħra Joyce Camilleri biddlet avukat. Saru diversi tentattivi da parti tagħha biex tieħu l-flus u fl-aħħar irnexxielha meta l-Qorti**

> **diversament presjeduta awtorizzat ir-rilaxx fl-intier tiegħu favur Joyce Camilleri. Hi ħaġa stramba li l-preċetti tal-artikolu 921 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ġew għal kollox injorati.**
>
> **"Illi l-imputat stqarr fix-xhieda tiegħu li wara li ġie aggredit minn Philip Camilleri u ibnu Philip żgur ma jrid xejn. Hi ħaġa stramba, kif dawn iż-żewġ irġiel aggredew lill-imputat fuq affarijiet li għalihom kien kompletament estraneji."**

**8.** Wara li din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti hi tal-fehma li ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha b'xi mod tiddipartixxi mill-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti li l-appellat (allura imputat) ma kellux jinstab ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

**9.** Permezz ta' l-ewwel imputazzjoni huwa jinsab akkużat bi ksur ta' l-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li jikkommetti reat **"kull uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi"**. Skond l-Avukat Ġenerali, l-appellat esiġa dak li l-liġi ma tippermettix jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi.

**10.** Issa, l-artikolu 921 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jistabilixxi: **"Meta l-parti li tingħata li timxi bil-benefiċċju ta' għajnuna legali tirbaħ il-kawża, hija għandha, milli tieħu jew milli ddaħħal mill-prezz li jġibu fl-irkant il-ħwejjeġ mobbli jew immobbli mibjugħin b'esekuzzjoni tas-sentenza, tħallas id-drittijiet tar-reġistru, tal-avukat, tal-prokuratur legali, u, meta jkun hemm, tal-kuraturi u tal-periti, bla ħsara tal-jedd li teħodhom lura mingħand il-parti li tkun ġiet ikkundannata għall-ħlas ta' dawk id-drittijiet."** Fil-każ in eżami l-appellat kellu dritt jitħallas tali drittijiet. Issa, id-drittijiet ta' avukat jistgħu jkunu sew ġudizzjarji kif ukoll extra-ġudizzjarji. Fuq it-taxxa Dok. 20 a fol. 179 hemm notament li jgħid: "Meta jinġabru l-flus, ikun irid jitħallas kont ta' drittijiet estraġudizzjarji li qatt ma tħallsu (f'ammont raġonevoli)." Fix-xiehda tiegħu l-appellat jgħid illi dik in-nota kitibha hu stess fuq it-taxxa li għadda lill-ippatroċinata tiegħu. Permezz ta' mandat ta' sekwestru numru 168/06 f'isem Joyce Camilleri, ġew sekwestrati f'idejn il-Bank of Valletta parti mis-sorte (fuq talba li għamlet l-istess Joyce Camilleri lill-appellat biex il-mandat ma jinħariġx għas-sorte sħiħ, u għalhekk il-bilanċ tas-sorte ġie riservat), l-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji. Jidher illi Joyce Camilleri la riedet illi l-appellat jitħallas dawk l-ispejjeż ġudizzjarji iżda lanqas id-drittijiet extra-ġudizzjarji meta jidher, kif osservat l-

ewwel Qorti, illi hija “talbet is-servizzi ta’ l-imputat fuq materji oħra li jeżorbitaw mill-prestazzjonijiet dovuti”. Ma jistax għalhekk jingħad illi l-appellat ma kellux dritt jitlob għall-ħlas ta’ drittijiet extra-ġudizzjarji. Naturalment fis-sitwazzjoni li sab ruħu fiha vis-à-vis l-atteġġjament ta’ Joyce Camilleri, kien ikun opportun li jipproċedi ai termini ta’ l-artikolu 556 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. In-nuqqas li jagħmel dan, pero`, ma jrendiehx kriminalment responsabbli skond l-artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u, konsegwenzjalment, lanqas skond l-artikolu 141 ta’ l-istess Kap. 9.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------